IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2016 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA (25 marka)

### Il-Komponiment

*Ikteb* ***madwar 350 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

**1.** Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jkollok mowbajl dejjem miegħek.

**2.** Il-bajja favorita tiegħi.

**3.** Ikteb rakkont li jibda jew jispiċċa: *Dakinhar ma stajtx norqod.*

**4.** It-traffiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA** **(22 marka)**

**A. Fehim it-Test**

*Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.*

Ix-xemx. Is-sajf Malti mhuwiex nieqes minnha u fl-istaġuni l-oħrajn qajla tgħaddi ġimgħa msaħħba li ma toħroġx tagħtina titwila. Hija stilla li tipprovdi l-akbar sors ta' sħana, dawl, u enerġija għal kull ħaġa ħajja li teżisti fuq il-pjaneta tagħna. Dan għarfuh tajjeb iċ-ċiviltajiet tal-imgħoddi li kienu jgħollu rashom 'il fuq u jimmeraviljaw ruħhom bil-qawwa ta' din ix-xemx, tant li kienu jagħtuha qima. Xhieda ta' dan jagħtuhielna wkoll missirijietna li bnew it-tempji neolitiċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra skont il-pożizzjoni tax-xemx. Fil-fatt jekk tmur l-Imnajdra waqt tlugħ ix-xemx fid-dħul ta' staġun ġdid tkun tista' tara x-xemx tielgħa eżatt minn ġol-entratura tat-tempju.

Il-Griegi u r-Rumani wkoll kellhom kuxjenza qawwija dwar l-importanza tax-xemx speċjalment fl-ambjent mibni. Il-Griegi saħansitra waslu għall-punt li kull dar irid ikollha aċċess għax-xemx, b'bitħa esposta għax-xemx għal numru ta' sigħat biex fix-xitwa ma jkollhiex għalfejn tissaħħan id-dar. Ir-Rumani fehmu l-ħtieġa li jibnu l-bini tagħhom b'aperturi kbar bil-ħġieġ, speċjalment fil-pajjiżi kesħin tal-Imperu tagħhom.

Għalhekk id-dritt għall-aċċess għax-xemx fl-imgħoddi kien dritt ċivili. Sfortunatament, dan id-dritt ċivili f'pajjiżna kulma jmur qiegħed jitnaqqar minħabba l-iżvilupp sfrenat f'pajjiżna. Qed naraw bini m'ogħla s-sema, saħansitra fl-irħula u fl-ibliet żgħar, u bir-raġun ħafna qed jilmentaw li dan il-bini għoli qed idallam u jisraq ix-xemx lid-djar tal-madwar li jixtiequ jinvestu fil-pannelli solari għall-enerġija mix-xemx. Dan qed inaqqas ferm mill-ammont ta' enerġija li tista' tiġi ġġenerata mix-xemx f'pajjiżna. L-għajnuna permezz ta' traħħis fil-prezz biex jinxtraw il-pannelli mill-familji u n-negozji huma pass fid-direzzjoni t-tajba imma dan mhux biżżejjed ladarba mhux kulħadd jista' juża l-ispazji ta' fuq daru għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.

Wasal għalhekk iż-żmien li nibdew inxammru l-kmiem u nfasslu regolamenti u liġijiet adegwati sabiex jitħares id-dritt li kull ċittadin għandu li jkollu aċċess għad-dawl tax-xemx. Dan kemm għal raġunijiet ta' saħħa u kemm għal raġunijiet ta' investiment f'enerġija alternattiva nadifa meħtieġa sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja minn gassijiet tossiċi ġġenerati mill-enerġija miż-żejt. Wasal ukoll iż-żmien li tiġi investigata l-possibiltà li l-bjut ta' binjiet pubbliċi u art żdingata jintużaw biex joffru spazju għal min m'għandux dawn is-sistemi u minkejja li jixtieq jinvesti fihom ma jistax jagħmel dan minħabba l-iżvilupp li hemm madwaru.

Hawn min jgħidlek li dak li qed jiġri f'pajjiżna huwa frott l-egoiżmu, hawn min iwaħħal fl-iżviluppatur u li t-tort huwa tal-awtoritajiet. Li hu ċert hu, li filwaqt li għamilna passi kbar fl-iżvilupp tat-teknoloġija sabiex ngħixu ħajja iktar komda, qegħdin f'pajjiżna nittraskuraw riżorsa naturali importanti ħafna. Ix-xemx.

*Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:*

1. Kif nafu li anki f'Malta missirijietna kienu għarfu l-importanza tax-xemx?
2. Kif taf li l-Griegi u r-Rumani ħasbu fix-xemx biex isaħħnu djarhom?
3. Xi problema qed iġib miegħu l-bini għoli li tiela' fl-ibliet u fl-irħula Maltin?
4. Għaliex l-użu tax-xemx jista' jkun ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem?
5. Skont l-awtur, x'jista' jsir sabiex aktar nies ikunu jistgħu jinvestu f'enerġija mix-xemx?
6. Skont dak li qrajt**,** x'differenza tara bejn l-importanza li kellha x-xemx għall-Maltin ta' żmien it-tempji u l-Maltin tal-lum?

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

## B. Għarfien il-Lingwa

1. *Agħti* ***kelma waħda*** *għal kull kelma u sentenza li għandhom linja taħthom skont it-tifsira fis-silta:*

Ix-xemx. Is-sajf Malti mhuwiex nieqes minnha u fl-istaġuni l-oħrajn qajla tgħaddi ġimgħa msaħħba li ma toħroġx tagħtina titwila. Hija stilla li tipprovdi l-akbar sors ta' sħana, dawl, u enerġija għal kull ħaġa ħajja li teżisti fuq il-pjaneta tagħna. Dan għarfuh tajjeb iċ-ċiviltajiet tal-imgħoddi li kienu jgħollu rashom 'il fuq u jimmeraviljaw ruħhom bil-qawwa ta' din ix-xemx, tant li kienu jagħtuha qima. *(mill-1el paragrafu)*

(marka kull waħda = 4 marki)

2. *Fisser l-espressjonijiet b'sing taħthom skont il-kuntest:*

Għalhekk id-dritt għall-aċċess għax-xemx fl-imgħoddi kien dritt ċivili. Sfortunatament, dan id-dritt ċivili f'pajjiżna kulma jmur qiegħed jitnaqqar minħabba l-iżvilupp sfrenat f'pajjiżna. Qed naraw bini m'ogħla s-sema, saħansitra fl-irħula u fl-ibliet żgħar, u bir-raġun ħafna qed jilmentaw li dan il-bini għoli qed idallam u jisraq ix-xemx lid-djar tal-madwar li jixtiequ jinvestu fil-pannelli solari għall-enerġija mix-xemx. *(mit-3et paragrafu)*

(2 marki kull waħda = 4 marki)

3. *Liema hi l-espressjoni minn paragrafu 3 li turi li l-għajnuna permezz ta' traħħis fil-prezz fuq il-pannelli għenet sabiex in-nies jibdew jużaw enerġija ġġenerata mix-xemx?*

(2 marki)

**IT-TIELET TAQSIMA** **(14-il marka)**

**Il-Grammatika**

*Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:*

In-nies li jgħixu madwar ix-xtut huma aktar qrib xulxin emozzjonalment. Donnu li l-baħar jgħaqqadhom flimkien. Sfortunatament kien hemm żmien meta s-sajjieda, il-baħħara, u n-nies tax-xatt kienu meqjusa bħala inferjuri u l-bennejja tad-dgħajjes mhux dejjem kienu apprezzati għal ħilithom. Is-sengħa tagħhom u saħħithom kienu l-egħżeż ħwejjeġ għalihom u għalhekk kienu jwaħħlu xi werqa żebbuġa jew xi salib waqt li jibnu xi qoxra tal-baħar.

**1.** Agħti s-singular ta' xtut.
**2.** Oħroġ aġġettiv minn emozzjonalment.
**3.** Mis-silta sib u ikteb verb tat-tieni forma.
**4.** Oħroġ nom minn Sfortunatament.
**5.** Agħti s-singular ta' baħħara.
**6.** Mis-silta sib u ikteb partiċipju passiv.
**7.** Agħti nom astratt minn inferjuri.
**8.** Agħti z-zokk morfemiku ta' apprezzati.
**9**. Agħti l-plural ta' sengħa.
**10.** Mis-silta sib u ikteb aġġettiv fis-superlattiv.
**11**. Agħti l-kollettiv ta' werqa.
**12.** Oħroġ verb tal-ħames forma minn salib.
**13.** Agħti l-għerq ta' jibnu.
**14.** Ikteb kelma waħda għal Is-sengħa tagħhom.

(marka kull waħda = 14-il marka)

**IR-RABA' TAQSIMA** **(12-il marka)**

**Ir-Rapport**

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport.* ***Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.***

1. Immaġina li int ġurnalist/a. Kont preżenti waqt attività fejn xi żgħażagħ ġew ippremjati talli marru tajjeb f'xi avveniment sportiv. Irrapporta din l-attività.

***Jew***

2. Maltempata mhux mistennija laqtet lill-Gżejjer Maltin. Ikteb rapport dwar din il-maltempata.

**IL-ĦAMES TAQSIMA** **(12-il marka)**

**L-Ittra**

*Ikteb* ***madwar 80 kelma*** *fuq* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti.* ***Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.***

**1.** Dan l-aħħar qed tinnota li t-toroq tal-belt jew raħal fejn toqgħod mhumiex jitnaddfu regolarment. Ikteb ittra lill-awtoritajiet lokali fejn tilmenta dwar dan.

Ismek: Paul / Paula Zammit
L-indirizz tiegħek: 40, Triq l-Imnara, Ħal Ferħ, FRĦ 1218.
L-indirizz tal-Kunsill Lokali: Kunsill Lokali Ħal Ferħ, Triq l-Arti, Ħal Ferħ, FRĦ 1218.

**Jew**

**2.** Għadek kif irbaħt passaġġ bl-ajru għal tnejn għal destinazzjoni fl-Ewropa. Ikteb *email* lill-ħabib/a tiegħek biex tinfurmah/tinfurmaha dwar dan u tistiednu/tistedinha jiġi/tiġi miegħek. Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).

Ismek: Maria / Mario Vassallo
L-indirizz elettroniku tiegħek: abjadsilġ@stud.mt
L-indirizz elettroniku tal-ħabib/a: attard@melit.net

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.................................................................................................................................

.................................................................................................................................

.................................................................................................................................

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2016 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA**

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

*Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).*

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Żagħżugħ ta' Dejjem***, Dun Karm Psaila

fuq wiċċek biss, ja baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija;

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla hedu u sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha,

u bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma tal-imħabba, int 'l-art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha hi safja u bnina!

Wieġeb:

1. a) X'tissejjaħ il-figura tad-diskors li permezz tagħha l-poeta jindirizza lill-baħar? **marka**

   b) X'effett joħloq il-poeta meta jħaddem din il-figura? **3 marki**

2. Minn din is-silta, islet żewġ kwotazzjonijiet li bihom il-poeta juri li l-baħar huwa żagħżugħ. **4 marki**

3. Ikteb dwar il-vers li qed iħaddem il-poeta f'din is-silta mill-poeżija. **4 marki**

4. a) Għal liema sentiment qiegħed jirreferi l-poeta fl-aħħar strofa ta' din is-silta? **marka**

   b) X'rabta teżisti bejn dan is-sentiment u ż-żgħożija tal-baħar? **3 marki**

5. a) Is-suġġett ewlieni ta' din il-poeżija huwa:
   i. iż-żgħożija.
   ii. ix-xjuħija.
   iii. il-baħar.
   iv. l-imħabba. **marka**

   b) Fil-bqija tal-poeżija, Dun Karm jagħti diversi dehriet tal-baħar. Semmi tlieta minnhom. **3 marki**

**JEW**

**B.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Niftakar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Niftakar***, Anton Buttigieg

imb'għad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-kejk qisu torri bajdan,
u l-*foxtrot*, u t-tango, u l-waltzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb;
u mb'għad qajla qajla
ftit ftit qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u int
u int u jien
u jien kollni tiegħek,
u int kollok tiegħi,
bħal Eva u Adam:
qalb waħda, nifs wieħed,
int rieqda, jien rieqed,
u ħolma ta' hena,
ta' ferħ, ta' tgawdija,
ta' dawl u ta' dija,
ta' ġid u ta' sliem
bla tmiem!

Wieġeb:

1. X'inhi l-atmosfera li niltaqgħu magħha f'din is-silta tal-poeżija *Niftakar*, u għaliex? **4 marki**

2. a) Għal liema okkażjoni qiegħed jirreferi l-poeta fl-ewwel seba' versi ta' din is-silta tal-poeżija? **marka**

   b) Islet tliet kwotazzjonijiet li jsaħħu dan. **3 marki**

3. a) Minn din is-silta, sib u ikteb eżempju ta' similitudni. **marka**

   b) Fisser din is-similitudni fil-kuntest tagħha u l-effett li joħloq il-poeta biha. **3 marki**

4. Ikteb dwar il-vers li qed iħaddem il-poeta. **4 marki**

5. a) Il-vers *"fid-dawl tal-Madonna"* juri li:
      i. il-poeta u l-mara tiegħu kellhom l-għassa.
      ii. il-poeta u l-mara tiegħu kienu jħobbu lil xulxin.
      iii. il-poeta u l-mara tiegħu xtaqu li jkollhom it-tfal.
      iv. il-poeta u l-mara tiegħu kienu koppja li kellhom fidi. **marka**

   b) Fisser il-kuntrast li joħloq Buttigieg fil-poeżija sħiħa. **3 marki**

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

*Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).*

**A.** Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Bl-Irħis***, Vincent Vella

Malli Fajsal waqaf jimpala r-ramel għal ġol-karretta, is-Senegaliż li kien imissu jaħdem miegħu dakinhar daħal jiġri biha għal ġol-blokk tal-appartamenti.

Fajsal straħ fuq il-pala u ta daqqa t'għajn madwaru. Ma kienu qed jogħġbuh xejn kif kienu sejrin l-affarijiet. F'temp ta' ġimgħa, mit-tmienja tas-soltu, il-gaj tal-ħaddiema kien tela' għal mill-anqas għoxrin. Kien hemm Kurdi, Tuneżini, Senegaliżi, u xi tliet Eġizzjani bħalu: kollha kemm huma immigranti illegali, lesti jagħmlu dak kollu li jiġi għal idejhom imbasta jwarrbu biżżejjed flus biex ikollhom biex jaqsmu bejn Malta u Sqallija.

L-għoxrin appartament fil-blokk fejn kienu qed jaħdmu kienu waslu fl-aħħar. Kulma kien fadal kien it-tqegħid tal-madum u l-kmamar tal-banju. Bħalissa kienu għaddejjin bla nifs inaddfu l-kmamar tal-banju qabel jifirxu t-torba u jdaħħlu r-ramel u l-madum għal-lest. Malli jlestu Fajsal kien ikollu jfittex biċċa xogħol oħra.

Kien kollox ta' qsim id-dahar. Għall-anqas, kull meta kien jidħol fil-blokk, ir-raġel tal-karretta kien jaqta' xi ftit mis-sħana qalila tax-xemx sajfija. Fajsal mesaħ l-għaraq u r-ramel minn bejn subgħajh. Kien jaħdem ħafi, b'riġlejh midfunin fir-ramel abjad.

Wieġeb:

1. Minn din is-silta, ikteb erba' karatteristiċi li nsiru nafu dwar Fajsal. Ikkwota biex issaħħaħ li tgħid. **4 marki**

2. X'taħseb li hija r-raġuni li *"F'temp ta' ġimgħa, mit-tmienja tas-soltu, il-gaj tal-ħaddiema kien tela' għal mill-anqas għoxrin"*? X'effett kellu dan fuq Fajsal? **4 marki**

3. a) Mill-aħħar paragrafu tas-silta, ikteb tliet kwotazzjonijiet li juru kemm batew il-ħaddiema. **3 marki**

   b) X'impressjoni tagħtina l-aħħar sentenza ta' din is-silta?
   i. Tal-ħtieġa għall-mistrieħ.
   ii. Tal-logħob fir-ramel.
   iii. Tan-nuqqas ta' protezzjoni fuq ix-xogħol.
   iv. Li kien iħobb jidfen l-affarijiet. **marka**

4. a) Semmi żewġ fatti li nafu fuq il-blokk. **2 marki**

   b) X'kuntrast insibu f'din is-silta u x'effett joħloq dan il-kuntrast? **2 marki**

5. Minn dak li naqraw fil-kumplament tan-novella nindunaw li Fajsal kellu raġun jitħasseb. Għaliex? **4 marki**

**JEW**

**B.** Aqra sewwa din is-silta ta’ proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

***Xtara l-Ħut fil-Baħar,*** Laurence Mizzi

“Hemm waqa’....!”

“Min?” ħatfitu martu.

“Il-Gvern,” serrħilha rasha żewġha.

“U iva għalina x’differenza tagħmel? Dawk kollha xorta u jekk ma jkollokx, ħadd mhu se jtik ....”

“Imma mhux kulħadd l-istess, Ċikk ... Nieħdu l-Avukat Imbroll ....”

“Ajma ’l min semmejt! Għalhekk qabbdu jaħdem lit-tifel t’oħtok. Anqas qatt jersaq ’l hawn jekk ma tkunx ġejja xi elezzjoni.”

“Iżda din id-darba mhux ħiereġ.”

“U mnalla għax ma kontx nivvutalu. Tgħidli x’tgħidli nqattgħu l-vot, jitla’ min jitla’ għalija ...”

“Tqattgħu? Ma tarax? Did-darba żgur li ma tqattgħux ...”

“Għala?”

“Għax sabni Karmnu ta’ Dolor, taf int dak is-segretarju tal-Partit tal-Bdiewa u ħajjarni biex noħroġ għar-raħal ...”

“Min? Int?! X’tagħmel? Toħroġ u toqgħod tipprietka fil-misraħ biex kulħadd jgħaddik biż-żmien? Ara, ismagħni Ton ... Għal kollox qgħadtlek: xadini, pappagalli, ponijiet, klieb ... imma għal din mhux ser noqgħod. Kelma ta’ mara.”

Is-Sur Tonin ra li dak ma kienx il-waqt li jipprova jipperswadi lil martu. Zekzek tnejn, ħa żewġ belgħat oħra u tela’ jimtedd. Iżda meta jumejn wara reġa’ bdielha u qalilha li jkollu karozza bix-xufier, u n-nies tibda tiġi biex iqabbadhom jaħdmu u l-kappillan jibda jistiednu bl-invit meta jkollu xi okkażjoni speċjali, kif dalwaqt kien ser ikollu meta jikxef il-koppla, u l-każin tal-banda jagħmluh president onorarju, martu għamlet tabirruħha li dendlet il-geddum u għalqet ħalqha.

Wieġeb:

1. a) X’effett għandha l-ewwel sentenza, “*Hemm waqa’...!*”? **2 marki**

   b) Fuqiex ma jaqblux is-Sur Tonin u Ċikka? **2 marki**

2. Islet tliet kwotazzjonijiet li juru li Ċikka m’għandhiex fiduċja fil-politiċi. **3 marki**

3. Minn dak li naqraw f’din is-silta, xi nsiru nafu dwar il-karattru ta’ Ċikka? Saħħaħ dak li tgħid billi tirreferi għas-silta (m’hemmx għalfejn jinkitbu kwotazzjonijiet diretti.) **4 marki**

4. a) Fisser id-differenza li tinnota f’Ċikka mill-bidu tas-silta sat-tmiem tagħha. **2 marki**

   b) X’impressjonijiet jagħtina n-narratur bl-aħħar sentenza ta’ din is-silta, “*għalqet ħalqha*”? **3 marki**

5. a) Din is-silta hija:
   i. parti narrattiva u parti riflessiva.
   ii. parti konverżazzjonali u parti narrattiva.
   iii. parti deskrittiva u parti narrattiva.
   iv. parti riflessiva u parti konverżazzjonali. **marka**

   b) Fil-bqija tan-novella x’ħolom is-Sur Tonin? **3 marki**

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju: *Bejn Ħaltejn* (barra *Il-Ħarsa ta' Rużann*)** **(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija imma trid tirreferi għalihom.*

1. Ikteb dwar uħud mill-elementi ewlenin li nsibu fi ħrafa, u orbothom ma' dak li naqraw fil-ħrafa *Ix-Xini jimxi fl-art* ta' Manwel Magri.

**JEW**

2. L-attitudni li jkollu bniedem tista' tinbidel minn żmien għal żmien. Ikteb dwar kif tinbidel l-attitudni ta' Rena Balzan fil-poeżija *Lill-Qamar Kwinta* u l-attitudni ta' Marjanu Vella fil-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża.*

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju: *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer** **(30 marka)**

*Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta'* **madwar 200 kelma**. *M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett imma trid tirreferi għalih.*

1. Ikteb dwar l-importanza li għandu l-episodju tad-diskussjoni dwar il-Buweri li seħħ fil-ħanut tal-inbid ta' Wenzu, skont dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann.*

**JEW**

2. Agħżel żewġ karattri mir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* u ikteb dwar l-importanza tagħhom fin-nisġa tal-ġrajja.